# Insiru nafu lis-Sur Joe Cutajar



## magħruf aħjar minn kulħadd bħala *x-Xiħa*

Joe Chetcuti, Assistent *Chairman* fil-Kummissjoni Relazzjonijiet Pubbliċi fi ħdan l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, ħa l-okkażjoni sabiex jintervista lis-Sur Joe Cutajar magħruf aħjar minn kulħadd bħala *x-Xiħa*, għall-fuljett *L-Istilla Karmelitana.*

**Joe, nirringrazzjak minn qalbi talli aċċettajt l-istedina tiegħi sabiex nagħmillek din l-intervista. Indur minnufih fuqek. Xtaqt insaqsik kif bdejt tinvolvi ruħek b'mod daqshekk attiv fi ħdan l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria. Inti għamilt ukoll xi żmien fil-Kumitat Ċentrali fi ħdan din l-Għaqda kbira. Xi tgħidli dwar dan?**

Wara li ġejt mill-Kanada fejn kont residenti għal diversi snin, ġejt avviċinat minn Leli s-Segretarju. Dak iż-żmien kont ngħin fl-armar tal-festa. Huwa ħajjarni biex nagħmel parti mill-kumitat ċentrali u jien aċċettajt li nikkontesta. Wara li ġejt elett, bdejt nifforma parti mill-kumitat fejn fost diversi laqgħat konna niddiskutu kif ser inkabbru l-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Kont ukoll membru attiv fil-Kumitat tal-Fratellanza u għal 11-il sena tajt sehmi fl-irfigħ tal-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu.

**Joe, minn dak li qaluli fuqek waqt li kont qiegħed nipprepara għal din l-intervista, stajt naċċerta u niżgura ruħi li inti dilettant ħafna ta' diversi oqsma, fosthom dik tal-manifattura tan-nar. Nixtieqek tgħidli fuq xiex kont l-iktar mitfuħ u x'kont tieħu gost l-iktar tagħmel?**

Kont naħdem in-nar ma' Nenu Zahra (ta' Ġorġa) fejn kont ngħin fil-kaxxa tal-kulur li kienet tinħaraq kif jispiċċa n-nar tal-art maġenb l-Iskola Primarja. Wara li ġrat id-diżgrazzja, kellu jsir in-nar tal-art mill-ġdid peress li kollox ġie meqrud. Bdejt billi għamilt il-fjuretta (*Universal*). Iktar tard għamilt ukoll dak li hu magħruf bħala l-*murtal* li għadu jintrama sal-lum. Ma' dan ix-xogħol kont nieħu ħsieb ħafna mill-brim fosthom vajjina, gassijiet u skrataċ. Sal-lum għadni nobrom l-iSpanjola kif ukoll il-blalen il-kbar.

**Minbarra d-delizzju tan-nar, għandek delizzju ieħor li huwa tant u tant għal qalbek ukoll. Qiegħed nirreferi għall-istilel li dawn jintużaw fuq il-galletta tal-arbli tal-festa. Taħseb li dan ix-xogħol qiegħed jiżdied kull sena b'mod speċjali fir-raħal taż-Żurrieq fejn l-ammont ta' arbli fil-lokal qiegħed dejjem jikber?**

Ħdimt diversi stilel u *Nome di Maria* għal fuq il-galletta tal-arbli tal-bjut kemm għaż-Żurrieq kif ukoll għal nies barra mir-raħal. Ħdimt ukoll tliet stilel għall-arbli tal-każin. Ħdimt settijiet ta' labardi għal Strada Rjali u Triq Dun Ġużepp Zammit. L-ammont ta' arbli qiegħed dejjem jikber, però kelli nieqaf minn dan ix-xogħol minħabba saħħti.

**Minbarra dan kollu li semmejt, inti tagħmel ukoll kuruni żgħar fit-twieqi. Tagħmel ukoll xogħol tal-liedna u xi affarijiet oħra. Tista' tgħidli kif jirnexxilek tlaħħaq ma' dan kollu?**

Kif semmejt, ħdimt diversi kuruni żgħar li jintramaw fit-twieqi, stellarji u kuruna kbira li kienet tintrama maġenb il-knisja fil-festa. Ma' dawn ġew maħduma wkoll kuruna kbira għall-knisja ta' Sta Tereża ta' Bormla li tintrama fil-festa tal-Karmnu, stellarju għall-Madonna tad-Duluri taż-Żurrieq, stellarju u kuruna għall-Madonna ta' San Ġakbu kif ukoll ċappsini għal Bormla u diversi affarijiet taż-żingu u *white metal*. Fejn jidħol armar, ħadt ħsieb id-disinn u x-xogħol ta' liedna għal Triq Filippu Farrugia u Triq Dun Carlo De Giovanni, li għadha tintrama sal-lum. Dan kien jinkludi kejl ta' triq, tqattigħ ta' plastik, xogħol ta' fistuni u liedna kif ukoll kuruni u stilel oriġinali. Dan kien possibli bi ġranet sħaħ ta' xogħol fil-garaxx fejn jintuża wkoll bħala maħżen għall-istess armar.

**Joe, inti fuq kollox bħali u bħal ħafna Żrieraq Karmelitani, devot kbir lejn Ommna Marija Sultana u Ġmiel tal-Karmelu. Għall-benefiċċju tal-qarrejja ta' dan il-fuljett, tista' tgħidli kif bdew isiru il-laqgħat tat-Terzjarji Karmelitani?**

Meta ġejt mill-Kanada, missier il-mara Katie, kien rikoverat l-isptar fejn konna nżuruh ġranet sħaħ. Inzerta li avviċinana infermier u laqqagħni ma' Patri Valentin Borġ Gusman li dan kien jitla' Għawdex jagħmel il-laqgħa tat-Terzjarji ġewwa Kerċem. Hu qalli li kienet issir laqgħa ż-Żurrieq fil-Kappella tal-Ħniena u ħeġġiġni sabiex nerġa' nibdiha. Avviċinajt lill-Arċipriet Dun Mikiel Agius u avżajtu li se nagħmilha fil-garaxx mingħajr il-preżenza ta' saċerdot peress li ħallieni bla risposta. Iktar tard, ġejna mogħtija permess li jibda jattendi patri Valentin. Peress li baqgħet tikber, tawna permess li ssir fil-Kappella ta' San Bert u wara fiċ-Ċentru Pastorali fejn għadha ssir sal-lum.

**Inti wkoll ippreżentajt xi għotjiet lis-Soċjetà Karmelitana Banda Queen Victoria. Tista' ssemmili x'kienu dawn l-għotjiet?**

Bħala dilettant tal-festa u bħala apprezzament lejn il-Banda u s-Soċjetà, ippreżentajt żewġ standarti, wieħed bl-arma tar-Reppublika ta' Malta u l-ieħor bl-arma ta' qabilha. Ippreżentajt ukoll żewġ standarti oħra bl-arma tal-Kanada u ta' *Toronto Ontario* kif ukoll arblu ta' 67 pied għall-każin u żewġ strumenti.

**Wara li semmejtlek dan kollu, tista' tgħidli x'inhu l-iktar oġġett li tieħu gost tagħmel. Dan l-oġġett għadek tagħmlu sal-lum?**

Dak kollu li naħdem għalih b'risq il-festa, nagħmlu mill-qalb. Sal-lum għadni nvolut fil-brim tal-iSpanjola u tal-blalen il-kbar.

**Fl-aħħar nett nixtieqek twassal il-messaġġ tiegħek lill-partitarji Karmelitani fi ħdan l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria?**

Nixtieq nappella b'mod speċjali lill-Karmelitani kollha Żrieraq u nawgura li l-festa ad unur il-kbira Sultana u Ġmiel tal-Karmelu tibqa' ssir b'pompa kbira iktar minn qatt qabel kull sena. Inħeġġiġkom sabiex ilkoll flimkien nibqgħu nxerrdu d-devozzjoni tagħna lejn Ommna Marija Sultana u Ġmiel tal-Karmelu li hija l-għaxqa tagħna lkoll!